MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 121/2003

**Western Company Limited**

**vs**

**George Scerri sive Xerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm768.24) rapprezentanti mport ta' hdax il-kambjala ta' Lm69.84 il-wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Novembru 2001 u Dicembru 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sulltana, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm768.24), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------